



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 15218
il-Lussemburgo, 9 ta' Ottubru 2018

Stampa u Informazzjoni

Rosario Silva de Lapuerta eletta Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Wara t-tibdil parpjali tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja¹, Rosario Silva de Lapuerta ġiet eletta Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu bejn id-9 ta' Ottubru 2018 u s-6 ta' Ottubru 2021. Hija qed tissostitwixxi f'din il-kariga lil Antonio Tizzano.

Curriculum vitae ta' Rosario Silva de Lapuerta

Imwielda fl-1945; gradwata fid-dritt (Université Complutense de Madrid); abogado del Estado f'Málaga; abogado del Estado fis-servizz ġuridiku fil-Ministeru għat-Transport, għat-Turiżmu u għall-Komunikazzjoni, wara fis-servizz ġuridiku tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin; abogado del Estado-Jefe tas-servizz ġuridiku tal-Istat, responsabbli minn proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u viċi-Direttur Ġenerali fis-servizz tal-assistenza ġuridika komunitarja u internazzjonali ta' l'Abogacia General del Estado (Ministeru għal-Ġustizzja); membru tal-Grupp ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni fuq il-GeVjeni tas-Sistema Ġudizzjarja Komunitarja; Kap tad-Delegazzjoni Spanjola tal-Grupp "Amis de la Présidence" għar-Riforma tas-Sistema Ġurisdizzjonali Komunitarja fit-Trattat ta' Nice u tal-grupp *ad hoc* "Qorti tal-Ġustizzja" tal-Kunsill; professur tad-Dritt Komunitarja fl-Iskola Diplomatika ta' Madrid; kodirettur tar-rivista "Noticias de la Unión Europea"; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003. Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-9 ta' Ottubru.

Kuntatt għall-istampa: ☎ (+352) 4303 3355

¹Ara I-Istqarrija għall-istampa Nru [n°150/18](#) tat-8 ta' Ottubru 2018.